MT

# IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB '21

IL-ĦANUT TAL-KOTBA

## PROGRAMM TAL-ATTIVITAJIET

**3–7 ta' Novembru**

Iċ-Ċentru għall-Fieri
u l-Konvenzjonijiet (MFCC)



B'lista twila ta' parteċipanti mis-setturi kollha tal-industrija tal-ktieb, u bi programm kulturali li jinkludi aktar minn sebgħin attività maġġuri bejn tnedijiet u preżentazzjonijiet ta' kotba, drammi, gruppi ta' ħidma u konferenzi, bla dubju **l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb** jibqa' l-akbar u l-aktar ċelebrazzjoni estensiva tal-kultura tal-ktieb f'Malta.

**IRREĠISTRA U BBUKKJA FUQ** **ShowsHappening**.com



Kulħadd ikun qed jistenna l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Nies minn kull settur tal-ħajja, kbar u żgħar, ikunu qed jistennew il-bidu ta' Novembru, dis-sena bejn it-3 u s-7 ta' Novembru, biex jiġu saċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) f'Ta' Qali.

Pubblikaturi, bejjiegħa tal-kotba, u awturi jiltaqgħu taħt saqaf wieħed għal dawn il-ħamest ijiem, biex flimkien jieħdu li jistgħu minn din l-opportunità unika biex imexxu u jbigħu l-kotba tagħhom lill-pubbliku. Minbarra t-talent lokali, fil-Festival se jkun hemm ukoll interventi minn mistiedna barranin, uħud minnhom ta' fama internazzjonali fix-xena letterarja.



# IT-TLIETA — 2

**19:00**

### IS-SERATA TAL-FTUĦ U Ċ-ĊERIMONJA TAL-GĦOTI TAL-PREMJIJIET TAL-PREMJU TERRAMAXKA 2021

KNK | Online

Segwi l-ftuħ tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021 bit-tħabbira tar-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għat-tfal u l-adolexxenti - il-Premju Terramaxka. Is-sittax-il titlu finalist, ippubblikati fl-2020 fis-sitt kategoriji tal-Premju Terramaxka, li jkopru xogħlijiet oriġinali u tradotti, intgħażlu minn bord ta' aġġudikaturi indipendenti u tħabbru aktar kmieni din is-sena.

Sena wara sena, ix-xogħlijiet finalisti u rebbieħa tal-Premju Terramaxka jipprovdu gwida ta' min joqgħod fuqha għall-aqwa kotba ppubblikati lokalment għal tfal ta' kull età.





# L-ERBGĦA — 3

## 9:30–10:30 KWIZZ: FEJN HEMM IL-KOTBA HEMM IL-MAĠIJA

KNK | Online

Introduċi lill-istudenti tiegħek għad-dinjiet maġiċi u avventurużi mill-pinna tal-aqwa awturi Maltin tal-kotba tat-tfal, u ggarantixxi esperjenza indimentikabbli bil-vidjo interattiv tagħna kkurat speċjalment għall-iskejjel!

Għin lil-librar Noel Tanti jimla l-ixkafef b'kotba ġodda waqt li tirbaħ il-punti billi twieġeb tajjeb għall-mistoqsijiet matul dal-kwizz. Danusan se jkunu qed jospitaw kwizz spettakolari msejjes fuq stejjer, awturi u karattri minn xogħlijiet rebbieħa tal-Premju Terramaxka, li jista' jkun aċċessat fil-kumdità tiegħek stess u mxandar direttament fil-klassi tiegħek.

Il-kwizz huwa addattat għal studenti ta' kull età.

## 10:00–11:00 SESSJONI TA' QARI MA' RUTH FRENDO: *L-ĠĦOĠOL TAD-DEHEB U ID-DINJA TAL-ORSINI*

Miller | South Hall

Waqt din is-sessjoni ta' qari, l-awtriċi tal-kotba għat-tfal u l-preżentatriċi Ruth Frendo se tkun qed taqra mill-kotba tas-serje *L-Għoġol tad-Deheb* u *Id-Dinja tal-Orsini*. Dawn il-kotba interattivi bir-realtà miżjuda (AR) ġew megħjuna mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u se jkunu għall-bejgħ bi prezz imraħħas.



## 10:30–12:00 TNEDIJA TA' KOTBA: PUBLIKAZZJONIJIET TEATRU MALTA

Teatru Malta | North Hall 2

Teatru Malta se jkun qed iniedi sitt pubblikazzjonijiet ġodda f'żewġ serje differenti ta' kotba. *Proġett Klassiċi* jkopri x-xogħlijiet ta' drammaturgi kanoniċi bħal Ionesco, Pinter, Rame u Fo, kollha tradotti għall-Malti, filwaqt li *Programm Kitba Ġdida* se jagħti pjattaforma lil tlieta mill-proġetti t'eċċellenza ta' Teatru Malta, jiġifieri 'Raymond "Fight" Beck', 'VII' u 'L-Interrogazzjoni'. F'din l-attività, immoderata mid-Direttur Artistiku ta' Teatru Malta Sean Buhagiar, se jieħdu sehem Mireille Estelle Camilleri, Dr. Marco Galea, Simon Bartolo, Alfred Buttigieg u Andrè Mangion.

## 17:30–18:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *IL BOSCAIOLO* (ALGRA EDITORE)

Istituto Italiano Di Cultura | South Hall

Preżentazzjoni tal-ktieb *Il boscaiolo* (Algra Editore) ta' Paola Marchese, b'diskussjoni mal-awtriċi flimkien mad-direttriċi tal-Istituto Italiano di Cultura Serena Alessi.

## 18:00–19:00 TNEDIJA TA' KTIEB: *STORJA TAL-ILSIEN U L-LETTERATURA MALTIJA - KRONOLOĠIJA*

Akkademja Tal-Malti / Heritage Malta | North Hall 1

*Storja tal-Ilsien u l-Letteratura Maltija – Kronoloġija* ta' Dr Mario Cassar hi pubblikazzjoni bi sħab bejn Heritage Malta u l-Akkademja tal-Malti. Dehret l-ewwel darba b'dan it-titlu bħala pubblikazzjoni tal-Għaqda tal-Malti (Università) fl-2002. Dr Cassar kompla jiġbor it-tagħrif u din il-pubblikazzjoni se tkun kompendju komprensiv marbut mal-ġrajja tal-ilsien u l-letteratura Maltija – ġabra ta' avvenimenti, pubblikazzjonijiet u noti bijografiċi elenkati f'ordni kronoloġiku. Matul it-tnedija, immoderata minn Godwin Vella, se jieħdu sehem Prof. Joseph M. Brincat u Dr Olvin Vella.

## 18:30–19:00 IL-KOTBA JIEĦDU L-ĦAJJA (BOOKS COME TO LIFE)

Danusan | South Theatre

Min qal li l-qari ma jistax ikun divertenti? Tim professjonali ta' atturi mmexxi mid-duo kariżmatiku DANUSAN se jkun qed jipproduċi spettaklu ta' teatru live addattat mix-xogħlijiet rebbieħa tal-Premju Terramaxka tal-2021, li jitħabbru fil-lejla tal-ftuħ tal-Festival. Il-kotba se jkunu qed jiġu animati bil-Malti minn Daniel Chircop u Chrysander Agius.

It-tfal jistgħu jingħaqdu għad-divertiment mal-familji tagħhom kull waranofsinhar matul il-Festival, b'żewġ wirjiet virtwali speċjali fi tmiem il-ġimgħa. Għall-ewwel darba l-ispettakli se jkunu b'xejn, u kulma trid tagħmel hu li tibbukkja l-post tiegħek fuq  showshappening.com. U tinsiex tuża l-vawċer li ngħatalek bħala student - li għall-ewwel darba huwa validu biex jintuża fil-ħinijiet kollha tal-Festival.

## 19:00–20:00 TNEDIJA TA' KTIEB: *THE MALTESE LEGAL SYSTEM*

Malta University Press | South Hall

It-tnedija tat-tielet volum ta' *The Maltese Legal System* - kollezzjoni definittiva u komprensiva dwar is-sistema legali Maltija. Ingħaqad mal-istudjużi legali eminenti Prof. Ivan Mifsud u Prof. Kevin Aquilina, u mal-Malta University Press għat-tnedija ta' din il-pubblikazzjoni importanti.

## 19:30–21:00 IRVINE WELSH: DWAR LETTERATURA U DJ SETS

KNK | South Theatre

Il-mistieden speċjali tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021, magħruf għar-rappreżentazzjoni tal-kultura Skoċċiża b'rumanzi miktubin b'sens ta' realiżmu li ma jemminx bi skrupli u lanqas b'kompromessi, Irvine Welsh, se jkun qed jipparteċipa f'intervista estiża li fiha se jiddiskuti ħajtu u x-xogħlijiet tiegħu mal-awtur ta' kitbiet politiko-satiriċi Wayne Flask.

Wara din l-attività Irvine Welsh se jkun qed jiffirma l-kotba.





# IL-ĦAMIS — 4

**9:30–10:30**

## KWIZZ: FEJN HEMM IL-KOTBA HEMM IL-MAĠIJA

KNK | Online

Introduċi lill-istudenti tiegħek għad-dinjiet maġiċi u avventurużi mill-pinna tal-aqwa awturi Maltin tal-kotba tat-tfal, u ggarantixxi esperjenza indimentikabbli bil-vidjo interattiv tagħna kkurat speċjalment għall-iskejjel!

Għin lil-librar Noel Tanti jimla l-ixkafef b'kotba ġodda waqt li tirbaħ il-punti billi twieġeb tajjeb għall-mistoqsijiet matul dal-kwizz. Danusan se jkunu qed jospitaw kwizz spettakolari msejjes fuq stejjer, awturi u karattri minn xogħlijiet rebbieħa tal-Premju Terramaxka, li jista' jkun aċċessat fil-kumditа̀ tiegħek stess u mxandar direttament fil-klassi tiegħek.

Il-kwizz huwa addattat għal studenti ta' kull età.

**10:00–11:00**

## SESSJONI TA' QARI MA' RUTH FRENDO: *L-ĠĦOĠOL TAD-DEHEB AND ID-DINJA TAL-ORSINI*

Miller | South Hall

Waqt din is-sessjoni ta' qari, l-awtriċi tal-kotba għat-tfal u l-preżentatriċi Ruth Frendo se tkun qed taqra mill-kotba tas-serje *L-Għoġol tad-Deheb* u *Id-Dinja tal-Orsini*. Dawn il-kotba interattivi bir-realtà miżjuda (AR) ġew megħjuna mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u se jkunu għall-bejgħ bi prezz imraħħas.

**17:00–18:30**

## DRAMM: *PITO U PITA*

Horizons | South Hall

'Pito u Pita' huwa dramm ta' 20 minuta bbażat fuq l-istorja miktuba minn Daniella Zerafa u illustrata minn Matt Stroud. L-istorja tippreżenta t-temi tal-imħabba, id-diversità u l-ugwaljanza u ssegwi l-istorja tal-kokka Muki li trabbi żewġ pitirrossi jisimhom Pito u Pita. Dan huwa dramm b'element ta' fantasija addattat għall-pubbliku ġenerali u se jkun segwit b'diskussjoni qasira mal-awtriċi.

**17:00–17:45**

## PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *KÒSHARI. RACCONTI ARABI E MALTESI*

Istituto Italiano Di Cultura | North Hall 1

Preżentazzjoni tal-ktieb Kòshari. *Racconti Arabi e Maltesi* (Progedit) li fih novelli ta' Clare Azzopardi, Oliver Friggieri, Adrian Grima u Trevor Żahra, tradotti għat-Taljan u editjati minn Aldo Nicosia. Il-preżentazzjoni se tkun segwita B'diskussjoni ma' Aldo Nicosia, Irene Chias, u d-direttur tal-Istituto Italiano di Cultura, Serena Alessi.

**18:00–19:00**

## CHUIZ JEW KWIZZ?

Għaqda tal-Malti Università | North Hall 2

F'din l-attività, l-Għaqda tal-Malti – Università se tagħti introduzzjoni ħafifa dwar l-istorja tal-ortografija Maltija. Wara dan se tgħaddi għall-qofol tal-attività li se jkun kwizz dwar il-Malti antik. Il-parteċipanti (maqsumin f'pari) se jiġu ppreżentanti mistoqsijiet dwar il-Malti antik u jingħataw siltiet x'jaqilbu għall-Malti modern, bil-ħin. Il-pubbliku jista' jsegwi l-attività simultanjament.

**18:00–19:00** **L-ISFIDA MSELLA**

San Anton School &KNK | North Hall 1

Din is-sena l-iskola ta' San Anton varat sfida eċitanti dwar il-qari bil-Malti: L-Isfida Msella. L-istudenti qraw tliet kotba fi tliet xhur u ħadmu fuq proġetti mnebbħa minnhom, fosthom posters, kitba kreattiva u trailers tal-kotba. Waqt din is-serata, l-istudenti li pparteċipaw se jingħataw premju talli temmew b'suċċess din l-isfida.

**18:30–19:00** **IL-KOTBA JIEĦDU L-ĦAJJA (BOOKS COME TO LIFE)**

Danusan | South Theatre

Min qal li l-qari ma jistax ikun divertenti? Tim professjonali ta' atturi mmexxi mid-duo kariżmatiku DANUSAN se jkun qed jipproduċi spettaklu ta' teatru live addattat mix-xogħlijiet rebbieħa tal-Premju Terramaxka tal-2021, li jitħabbru fil-lejla tal-ftuħ tal-Festival. Il-kotba se jkunu qed jiġu animati bil-Malti minn Daniel Chircop u Chrysander Agius.

It-tfal jistgħu jingħaqdu għad-divertiment mal-familji tagħhom kull waranofsinhar matul il-Festival, b'żewġ wirjiet virtwali speċjali fi tmiem il-ġimgħa. Għall-ewwel darba l-ispettakli se jkunu b'xejn, u kulma trid tagħmel hu li tibbukkja l-post tiegħek fuq  showshappening.com. U tinsiex tuża l-vawċer li ngħatalek bħala student - li għall-ewwel darba huwa validu biex jintuża fil-ħinijiet kollha tal-Festival.

**IRREĠISTRA U BBUKKJA FUQ** ShowsHappening.com

**19:00–20:00** **TNEDIJA TA' KTIEB: *WORKING LIFE AND THE TRANSFORMATION OF MALTA***

Malta University Press | South Hall

Il-memorja ħajja rat it-trasformazzjoni bla paragun tal-'ispazjl tax-xogħol' tal-Gżejjer Maltin. Il-volum editjat, *Working Life and the Transformation of Malta*, jiddokumenta u jikkritika din it-trasformazzjoni f'dettal affaxxinanti mill-1960 sal-lum, b'kontribuzzjonijiet mill-oqsma tal-istorja, soċjoloġija, riżorsi umani u aktar. Ingħaqad mal-edituri tal-volum Dr Manuel Debono u l-Prof. Godfrey Baldacchino għat-tnedija, kif ukoll biex tagħti ġieħ lill-Prof. Edward Zammit, li x-xogħol tiegħu għen biex tiġi ffurmata u jintefa' dawl fuq dal-perjodu dinamiku.

**19:15–20:00** **TAĦDITA INFORMATTIVA: X'HEMM GĦALIJA**

Creative Europe Desk Malta | North Hall 1

Taħdita informattiva dwar il-Programm Ewropa Kreattiva mill-Kap tal-Kultura ta' Creative Europe Desk Malta, Joseph Lia.

**19:30–21:00** **SKAMBJI LETTERARJI: KONVERŻAZZJONI BEJN IRVINE WELSH U IMMANUEL MIFSUD MA' MARK VELLA (MOD.)**

KNK | South Theatre

Ftit huma l-awturi u x-xogħlijiet li influwenzaw il-letteratura Maltija tal-bidu tal-millenju daqs dawk bikrija ta' Irvine Welsh. Fit-tentattiv li tegħleb il-limiti tal-letteratura Maltija fil-bidu tal-millenju, id-dar tal-pubblikazzjoni Minima tat leħen lil ġenerazzjoni ġdida ta' kittieba żgħażagħ bla inibizzjonijiet bħal Ġużè Stagno u Immanuel Mifsud.

F'diskussjoni mmoderata minn Mark Vella, Mifsud se jingħaqad mal-awtur ċelebri ta' *Trainspotting* biex jiddiskuti, fost affarijiet oħra, il-firxa globali tal-letteratura ta' Welsh.

**20:15–21:15** **TNEDIJA TA' KTIEB: *VARJAZZJONIJIET TAS-SKIET* TA' NADIA MIFSUD**

EDE Books | North Hall 1

*Varjazzjonijiet tas-Skiet* hija t-tielet kollezzjoni ta' poeżiji ta' Nadia Mifsud, kif ukoll l-ewwel pubblikazzjoni tagħha ma' EDE Books. Minbarra li se tkun qed taqra ftit poeżiji mill-ktieb, Nadia Mifsud se tkun qed tiddiskuti l-proċess tat-tfassil ta' din il-pubblikazzjoni, mill-kitba proprja għal domandi dwar id-disinn u l-legatura tal-ktieb, flimkien ma' Glen Calleja u Marco Scerri. Dan l-avveniment se jkun immoderat minn Kenneth Scicluna.








# IL-ĠIMGĦA — 5

9:30–10:30 **KWIZZ: FEJN HEMM IL-KOTBA HEMM IL-MAĠIJA**

KNK | Online

Introduċi lill-istudenti tiegħek għad-dinjiet maġiċi u avventurużi mill-pinna tal-aqwa awturi Maltin tal-kotba tat-tfal, u ggarantixxi esperjenza indimentikabbli bil-vidjo interattiv tagħna kkurat speċjalment għall-iskejjel!

Għin lil-librar Noel Tanti jimla l-ixkafef b'kotba ġodda waqt li tirbaħ il-punti billi twieġeb tajjeb għall-mistoqsijiet matul dal-kwizz. Danusan se jkunu qed jospitaw kwizz spettakolari msejjes fuq stejjer, awturi u karattri minn xogħlijiet rebbieħa tal-Premju Terramaxka, li jista' jkun aċċessat fil-kumdità tiegħek stess u mxandar direttament fil-klassi tiegħek.

Il-kwizz huwa addattat għal studenti ta' kull età.

10:00–11:00 **SESSJONI TA' QARI MA' RUTH FRENDO: *L-GĦOĠOL TAD-DEHEB U ID-DINJA TAL-ORSINI***

Miller | South Hall

Waqt din is-sessjoni ta' qari, l-awtriċi tal-kotba għat-tfal u l-preżentatriċi Ruth Frendo se tkun qed taqra mill-kotba tas-serje *L-Għoġol tad-Deheb* u *Id-Dinja tal-Orsini*. Dawn il-kotba interattivi bir-realtà miżjuda (AR) ġew megħjuna mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u se jkunu għall-bejgħ bi prezz imraħħas.

**IRREĠISTRA U BBUKKJA FUQ** ShowsHappening.com

17:00–18:00 **TNEDIJA TA' KTIEB: *IL-FORMA TAL-ILMA* (*LA FORMA DELL'ACQUA*, ANDREA CAMILLERI)**

Istituto Italiano Di Cultura / Merlin Publishers | South Hall

Għat-tnedija tat-traduzzjoni bil-Malti tal-ewwel rumanz ta' Andrea Camilleri fis-sensiela tal-Ispettur Montalbano, l-Istituto Italiano di Cultura flimkien ma' Merlin Publishers qegħdin ilaqqgħu f'diskussjoni lit-traduttur Antoinette Borg u l-awtur ta' rumanzi tad-detective bil-Malti, John A. Bonello.

17:00–17:45 **PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *WHERE WILD ORCHIDS GROW* TA' JOHAN SIGGESSON**

Marvellous Malta | North Hall 1

Il-fotografu professjonali tal-annimali slavaġ Johan Siggesson jirrakkonta l-istorja ta' kif l-ewwel ktieb minn serje ġdida ta' kollezzjoni sar realtà. Se nisimgħu dwar kif il-pandemija ġegħlitu jibdel avventuri eċitanti ma' gurilli u ljuni għall-orkidej ċkejknin ta' Malta, u kif sar iħobbhom. Il-ktieb juri orkidej slavaġ Maltin b'mod li qatt ma dehru qabel.

17:30–18:30 **TNEDIJA TA' KTIEB: *THE EXODUS OF THE STORKS* (*L-EŻODU TAĊ-ĊIKONJI*, WALID NABHAN)**

Peter Owen Publishers & KNK | North Hall 2

Bl-appoġġ tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Peter Owen Publishers qed iniedu *The Exodus of the Storks*, l-ewwel traduzzjoni bl-Ingliż tar-rumanz ta' Walid Nabhan *L-Eżodu taċ-Ċikonji* (2013). Id-Direttur ta' Peter Owen Publishers, Nick Kent, se jippreżenta t-traduzzjoni ta' Albert Gatt ta' dar-rumanz rebbieħ tal-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura 2017 flimkien mal-awtur Walid Nabhan. Id-diskussjoni se tkun immexxija mill-Prof Adrian Grima.

**18:00–19:00** **INGĦAQDU MAGĦNA GĦAL SIEGĦA MAKKJETT'GĦANA**

Għaqda Tal-Malti – Università | North Hall 1

Attività li se twassal lill-udjenza siltiet differenti ta' żewġ tipi differenti ta' mużika Maltija folkloristika: il-makkjetta u l-għana la Bormliża. Apparti l-artisti lokali akkumpanjati mill-mużiċisti, l-Għaqda tal-Malti - Università ħadet ħsieb tistieden kelliem li se jitkellem dwar l-oriġini tal-makkjetta u l-karatteristiċi tagħha.

**18:00–19:00** **SESSJONI TA' QARI U FFIRMAR TA' KTIEB: *THE PATH TO REDEMPTION* TA' STEPHEN MANGION**

Miller | South Hall

L-awtur Stephen Mangion se jkun qed jaqra mill-ktieb tiegħu *The Path to Redemption*. Wara l-qari l-awtur se jkun qiegħed jiffirma l-kotba.

**18:30–19:00** **IL-KOTBA JIEĦDU L-ĦAJJA (BOOKS COME TO LIFE)**

Danusan | South Theatre

Min qal li l-qari ma jistax ikun divertenti? Tim professjonali ta' atturi mmexxi mid-duo kariżmatiku DANUSAN se jkun qed jipproduċi spettaklu ta' teatru live addattat mix-xogħlijiet rebbieħa tal-Premju Terramaxka tal-2021, li jitħabbru fil-lejla tal-ftuħ tal-Festival. Il-kotba se jkunu qed jiġu animati bil-Malti minn Daniel Chircop u Chrysander Agius.

It-tfal jistgħu jingħaqdu għad-divertiment mal-familji tagħhom kull waranofsinhar matul il-Festival, b'żewġ wirjiet virtwali speċjali fi tmiem il-ġimgħa. Għall-ewwel darba l-ispettakli se jkunu b'xejn, u kulma trid tagħmel hu li tibbukkja l-post tiegħek fuq showshappening.com. U tinsiex tuża l-vawċer li ngħatalek bħala student - li għall-ewwel darba huwa validu biex jintuża fil-ħinijiet kollha tal-Festival.

**19:00–20:00** **PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *REQUIEM PER UN FASCISTA MALTESE* (*REQUIEM FOR A MALTA FASCIST*, FRANCIS EBEJER)**

Istituto Italiano Di Cultura & Bonfirraro | South Hall

Preżentazzjoni tal-ktieb ta' Francis Ebejer maqlub għat-Taljan, *Requiem per un fascista maltese* (Bonfirraro Editore) segwit b'diskussjoni ma' Damian Ebejer, Marco Galea, Salvo Bonfirraro u d-direttriċi tal-Istituto Italiano di Cultura, Serena Alessi.

**19:00–20:00** **IL-KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA DOREEN MICALLEF 2021: L-GĦOTI TAL-PREMJIJIET**

KNK | North Hall 2

Ingħaqdu magħna għat-tħabbira tar-rebbieħa u għal qari mill-poeti rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef ta' din is-sena. Issa fit-tielet edizzjoni tiegħu, il-konkors prestiġjuż kien tnieda mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fl-2019 bil-għan li jsaħħaħ il-kitba poetika f'Malta u jonora l-aħjar poeżija miktuba bil-Malti.

**19:15–20:00** **TNEDIJA TA' 8 KOTBA ĠODDA**

Horizons | South Theatre

Id-dar tal-pubblikazzjoni Horizons se tkun qed tniedi tmien kotba f'serata memorabbli fil-preżenza tal-awturi Ben Agius (*Iben il-Quisling*), Helen Borg (*Għal Dejjem u Ftit*), Michael Cini (*Il-ħalfa tad-Destin*), Stephen Lughermo (*Ċelel bla Ħitan*), Jacqueline Mizzi (*Noti Blu*), Ġorġ Peresso (*L-Aħħar Warda*), Salv Sammut Salv Sammut (*Triloġija: Waqtiet, Attentat,* u *Lady M*), u Vincent Vella (*Inside the Horse*).

**20:00–20:45** **STAND-UP MINN RON BRIFFA**

Kite Group | North Hall 1

*Xenati minn fuq il-Palk, Ċajt ta' wara l-Kwinti* hu ġabra ta' inċidenti umoristiċi li ġraw lill-atturi fuq il-palk; avventuri u praspar li fihom kienu involuti atturi veterani bħal Ġemma Portelli, Charles Thake, Karmen Azzopardi u George Portelli, u ħafna oħrajn fosthom li narawhom fuq il-palk jew fuq it-televiżjoni. Ron Briffa se jagħti performance u jaqsam mal-pubbliku xi aneddoti li sal-lum kienu baqgħu mistura.

**20:15–21:15** **TAĦDITA BEJN IR-RETTURI - ID-DOKUMENTAZZJONI TAL-LEGAT TAL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

Malta University Press | North Hall 2

L-2020 immarkat il-250 anniversarju mill-ftuħ tal-Università ta' Malta. Bi tħejjija għal din id-data, Malta University Press ippubblikat riċerka li tiddokumenta l-istorja tal-Università, inklużi bijografija tal-ewwel rettur tal-Università, Roberto Ranieri Costaguti, u *Legacies & Bearings*, ġabra ta' esejs illustrati b'mod fin li jeżaminaw aspetti tal-irwol tal-Università fis-soċjetà Maltija u lil hinn. Hija u testendi dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, l-MUP qed tiġbor flimkien retturi passati u preżenti, kif ukoll storiċi eminenti, f'konverżazzjoni dwar il-legat tal-Università ta' Malta.

**20:30–21:30** **IL-BIEB DEJJEM IMBEXXAQ: OMAĠĠ LIL OLIVER FRIGGIERI**

KNK | South Theatre

Sena mill-mewt tal-Professur Oliver Friggieri, il-poetessa Simone Galea timmodera diskussjoni li tiċċelebra l-ħajja tal-persuna influwenti, il-poeta, ir-rumanzier, il-ħassieb, l-akkademiku, u l-għalliem. Galea tingħaqad ma' Sara Brincat Friggieri, Joseph Mizzi (Klabb Kotba Maltin), Prof. Joe Friggieri, u Gabriel Lia li se jkun qiegħed jippreżenta silta mid-dramm *249: Il-Kobor u l-Umiltà tal-Prof. Oliver Friggieri.*

**20:00–21:00** **TNEDIJA TA' KTIEB: *STRANGERS I'LL NEVER FORGET* TA' MJ CAMILLERI**

EDE Books | South Hall

*Strangers I'll Never Forget* hija kollezzjoni ta' stejjer strambi, qosra, mhux fittizji u kreattivi, kif jiddeskrivihom l-awtur debuttanti MJ Camilleri. Permezz ta' dawn l-istejjer, li jkopru tliet deċennji, Camilleri jintroduċi lill-qarrejja għal varjetà wiesgħa ta' karattri u sitwazzjonijiet - xi wħud komiċi, xi wħud kważi tal-waħx - li għexhom kollha hu stess, iżda li jirrakkontahom mill-ġdid fit-tielet persuna. MJ Camilleri se jkun qed jiddiskuti dawn l-istejjer ma' Thomas Camilleri f'diskussjoni mmoderata minn Teodor Reljić.



**SKRINJAR TA' FILM ĠEWWA SOUTH THEATRE IL-ĦADD FIL-5:30PM**




# IS-SIBT — 6

**10:00–12:00** **STEJJER, LOGĦOB, U KRAFTS GĦAT-TFAL**

Faraxa Publishing | North Hall 2

B'kollaborazzjoni ma' Żebbuġ Learning Studio, id-dar tal-pubblikazzjoni Faraxa tistieden lit-tfal u lill-ġenituri/gwardjani biex jiskopru l-pjaċir tal-qari tal-istejjer b'attivitajiet divertenti li jinkludu logħob u krafts li jgħinu biex itejbu l-fehim u titkebbes l-imħabba għat-tagħlim.

**10:30–12:30** **IL-PRESIDENT GEORGE VELLA JIFFIRMA L-KOTBA *TISJIR MILL-QALB***

Miller | South Theatre

Sessjoni ta' ffirmar tal-ktieb *Tisjir mill-Qalb* mal-President George Vella u s-Sa Vella b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation.

**10:30–11:15** **QARI MINN AUNTY SAB GĦAL TFAL BEJN 3-6 SNIN**

Merlin Publishers | South Hall

Attività mmexxija minn Aunty Sab għal tfal bejn it-3 u s-6 snin. Ejja Itaqa' ma' Bow, ħlejqa li turi liż-żgħar nett illi li tħoss emozzjonijiet differenti hija esperjenza li ngħaddu minnha l-ħin kollu. F'din l-istorja Bow jesperjenza tmien sentimenti differenti f'ġurnata waħda u jaqsam mal-qarrejja ċkejknin kif sitwazzjonijiet differenti jġibu magħhom emozzjonijiet differenti ħafna waħda mill-oħra. Ibbukkja post fuq *info@merlinpublishers.com*

**IRREĠISTRA U BBUKKJA FUQ** ShowsHappening.com

10:30–11:30 **PREŻENTAZZJONI TA’ KTIEB: *SWEET MALTESE MOMENTS* TA’ PAUL FENECH**

Midsea Books | North Hall 1

L-awtur tal-kotba tar-riċetti Paul Fenech se jkun qiegħed jippreżenta l-ktieb ġdid tiegħu *Sweet Maltese Moments*. Il-preżentazzjoni se tkun segwita b’sessjoni ta’ ffirmar fejn l-awtur se jkun qiegħed jiltaqa’ mal-udjenza.

11:30–12:30 **SESSJONI TA’ QARI MA’ RUTH FRENDO: *L-ĠĦOĠOL TAD-DEHEB* U *ID-DINJA TAL-ORSINI***

Miller | South Hall

Waqt din is-sessjoni ta’ qari, l-awtriċi tal-kotba għat-tfal u l-preżentatriċi Ruth Frendo se tkun qed taqra mill-kotba tas-serje *L-Għoġol tad-Deheb* u *Id-Dinja tal-Orsini*. Dawn il-kotba interattivi bir-realtà miżjuda (AR) ġew megħjuna mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u se jkunu għall-bejgħ bi prezz imraħħas.

12:00–13:00 **IR-REBBIEĦA TAL-EUPL TUL IS-SNIN**

Creative Europe Desk Malta | North Hall 1

Din id-diskussjoni se tiġbor ir-rebbieħa Maltin tal-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura (EUPL) sabiex jiddiskutu l-kotba u n-narrattivi tagħhom, u kif l-EUPL għenet biex twessa’ l-udjenzi tagħhom. L-għan tal-EUPL huwa li tixħet dawl fuq il-letteratura kontemporanja Ewropea u tippromwovi ċ-ċirkolazzjoni tal-letteratura fl-Ewropa. Sal-lum l-awturi rebbieħa tal-EUPL minn Malta kienu Immanuel Mifsud (2011), Pierre J. Mejlak (2014), Walid Nabhan (2017) u Lara Calleja (2021).

13:00–14:00 **QARI MIR-REBBIEĦA TAL-EUPL: *KISSIRTU KULLIMKIEN***

Creative Europe Desk Malta | North Hall 1

Lara Calleja hija r-rebbieħa tal-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura (EUPL) tal-2021. Matul dan l-avveniment atturi magħrufa se jkunu qed jaqraw diversi stejjer qosra mill-ġabra ta’ novelli *Kissirtu Kullimkien* (Merlin Publishers, 2020).

13:00–15:00 **DRAMM: *PITO U PITA***

Horizons | South Hall

‘Pito u Pita’ huwa dramm ta’ 20 minuta bbażat fuq l-istorja miktuba minn Daniella Zerafa u illustrata minn Matt Stroud. L-istorja tippreżenta t-temi tal-imħabba, id-diversità u l-ugwaljanza u ssegwi l-istorja tal-kokka Muki li trabbi żewġ pitirrossi jisimhom Pito u Pita. Dan huwa dramm b’element ta’ fantasija addattat għall-pubbliku ġenerali u se jkun segwit minn diskussjoni qasira mal-awtriċi.

14:30–15:30 **TREASURE TROVES OF MALTESE HISTORY**

Malta University Press | North Hall 1

Rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2020, *The Joannes Gennadius Maltese Treasure Trove in Athens* ta’ Arnold Cassola (ed.) huwa volum illustrat b’mod attraenti li fih pitturi, inċiżjonijiet u ritratti ta’ Malta tas-seklu 19 li huma miżmuma fil-Librerija Gennadius f’Ateni. Iltaqa’ mal-awturi waqt din id-diskussjoni u tgħallem dwar il-proċess tagħhom fl-iskoperta u d-dokumentazzjoni ta’ din il-kollezzjoni affaxxinanti.

15:00–15:45 **ĊERIMONJA TA' PREMJAZZJONI: IL-KOMPETIZZJONI TAL-KITBA BIL-ĠERMANIŻ 'CITY DREAMS' (STADT-TRÄUME)**

German Maltese Circle / Department Of German, UOM | North Hall 2

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-kitba bil-lingwa Ġermaniża 'City Dreams' (Stadt-Träume), imnedija fil-kuntest tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, se jiġu mistiedna għal din iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet immoderata minn Dr Kathrin Schödel.

16:00–16:45 **PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *WHERE WILD ORCHIDS GROW* TA' JOHAN SIGGESSON**

Marvellous Malta | South Hall

Il-fotografu professjonali tal-annimali slavaġ Johan Siggesson jirrakkonta l-istorja ta' kif l-ewwel ktieb minn serje ġdida ta' kollezzjoni sar realtà. Se nisimgħu dwar kif il-pandemija ġegħlitu jibdel avventuri eċitanti ma' gurilli u ljuni għall-orkidej ċkejknin ta' Malta, u kif sar iħobbhom. Il-ktieb juri orkidej slavaġ Maltin b'mod li qatt ma dehru qabel.

16:00–17:00 **PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *WITH ALL DUE RESPECT* TA' JEFFREY PULLICINO ORLANDO**

Miller | North Hall 1

Jeffrey Pullicino Orlando se jkun qiegħed jippreżenta l-memorji politiċi tiegħu fil-ktieb *With All Due Respect* (Choppy Books, 2021). Ebda personalità famuża li sa issa dehret fil-ħajja tal-awtur, minn Alfred Sant sa Joseph Muscat jew Fenech Adami sa Lawrence Gonzi, ma teħlisha ħafif mill-isparaturi tal-pinna intelliġenti tiegħu. Xi minn daqqiet divertenti, bosta drabi jżommok, u fl-istess ħin jippersonifikalek il-gost, dal-ktieb mogħni b'qari eċċezzjonali.

16:30–17:30 **IL-KOTBA JIEĦDU L-ĦAJJA (BOOKS COME TO LIFE)**

XOW DOPPJU

Danusan | South Theatre

Min qal li l-qari ma jistax ikun divertenti? Tim professjonali ta' atturi mmexxi mid-duo kariżmatiku DANUSAN se jkun qed jipproduċi spettaklu ta' teatru live addattat mix-xogħlijiet rebbieħa tal-Premju Terramaxka tal-2021, li jitħabbru fil-lejla tal-ftuħ tal-Festival. Il-kotba se jkunu qed jiġu animati bil-Malti minn Daniel Chircop u Chrysander Agius.

It-tfal jistgħu jingħaqdu għad-divertiment mal-familji tagħhom kull waranofsinhar matul il-Festival, b'żewġ wirjiet virtwali speċjali fi tmiem il-ġimgħa. Għall-ewwel darba l-ispettakli se jkunu b'xejn, u kulma trid tagħmel hu li tibbukkja l-post tiegħek fuq showshappening.com. U tinsiex tuża l-vawċer li ngħatalek bħala student - li għall-ewwel darba huwa validu biex jintuża fil-ħinijiet kollha tal-Festival.

17:00–18:00 **TNEDIJA TA' KOTBA: KITBA MALTIJA ĠDIDA BL-INGLIŻ**

Praspar Press | North Hall 2

L-edituri u l-kofundaturi tad-dar tal-pubblikazzjoni bbażata f'Londra Praspar Press, Kat Storace u Jen Calleja, se jippreżentaw żewġ pubblikazzjonijiet ġodda tal-letteratura Maltija bl-Ingliż jew maqluba fl-Ingliż, inkluż l-ewwel antoloġija tagħhom ta' finzjoni kontemporanja Maltija, poeżija u esejs, *Scintillas: New Maltese Writing*. Flimkien ma' Loranne Vella se jiddiskutu wkoll it-traduzzjoni tal-ġabra ta' stejjer qosra ta' Vella, *What will it take for me to leave*. Iż-żewġ pubblikazzjonijiet ġew megħjuna mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

17:00–17:45 ***IL-FATAT KAĦLANI*: QARI MA' CLARE AZZOPARDI U LEANNE ELLUL**

Merlin Publishers | South Hall

Attività mmexxija minn Clare Azzopardi u Leanne Ellul għal tfal ta' bejn is-6 u d-9 snin. Il-Merlin Publishers għandna fatat speċjali! Fatat li →

mhux talli ma jbeżżax, talli dħuli u kollu praspar. Dal-fatat jismu Kaħlani. Imma dan Kaħlani mhux dejjem kien ħares. Kien jismu Sigismondo Trapani u kien ikanta l-opri. Kien minn B'Kara u kien jaqbad il-ferrovija biex imur it-Teatru tal-Opra, il-Belt. Ejja isma' dwar il-praspar tiegħu u tal-fatati sħabu. Ibbukkja post fuq *info@merlinpublishers.com*

## 17:30–18:30 SESSJONI TA' FFIRMAR TAL-KOTBA MA' IRA LOSCO

Kiwi Publications | North Hall 1

Ira Losco se tkun qed tiffirma kopji tal-ktieb *Small Island – Big Ambition*, bijografija qsajra għal tfal bejn is-6 u l-10 snin dwar il-ħajja ta' Ira Losco u kif bdiet fil-karriera mużikali tagħha.

## 18:00–19:00 *ĦASSARTEK*: KTIEB TAL-POEŻIJA TAT-TĦASSIR

Matthew Schembri | South Hall

Matthew Schembri jitkellem ma' Glen Calleja u Raphael Vella dwar il-proġett *Ħassartek*, li jinkludi pubblikazzjoni ta' 231 poeżija maħluqa mill-awtur stess permezz tat-tħassir parzjali tar-rumanz debutt tiegħu, *Stessi* (Rebbieħ tal-Konkors ta' Kitba – Letteratura għaż-Żgħażagħ 2016 u ppubblikat mill-Merlin Publishers fl-2018). Wirja artistika li ddur madwar il-pubblikazzjoni *Ħassartek* se ssir ġewwa Studio Solipsis, ir-Rabat, Malta, f'Novembru tal-2021. Dan il-porġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti.

## 18:15–19:15 SEMINAR DWAR IL-PRODUZZJONI TAL-KOTBA

Gutenberg Press | North Hall 2

L-użu tal-karta t-tajba għall-ktieb tiegħek jagħmel id-differenza kollha fil-pubblikazzjoni. Huwa importanti li tkun familjari mat-tipi differenti ta' karta, l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom u kif jaħdmu għall-arti tiegħek. Dan is-seminar se jkun sors ta' għarfien dwar tipi differenti ta' karti →





disponibbli għall-pubblikazzjoni tal-kotba. Il-kelliem mistieden se jkun is-Sur Alessandro Nardelli, il-Koordinatur Internazzjonali tal-Pubblikazzjoni f'Cartiere della Garda, Lecta Group SA, li huma msieħba ta' Gutenberg Press Ltd.

## 19:00–20:00 PREŻENTAZZJONI TAT-TRILOĠIJA: *IL VURRICATORE, AI CONFINI DELL'INFERNO, GLI STRATEGHI DEL MALE* TA' I.M.D

Istituto Italiano Di Cultura | South Hall

Preżentazzjoni tat-triloġija ta' rumanzi tal-awtur u spettur tal-pulizija kontra l-mafja, I.M.D: *Il Vurricatore, Ai Confini dell'Inferno*, u *Gli Strateghi del Male* (Edizioni Leima). F'din id-diskussjoni tingħaqad mal-awtur id-direttur tal-Istituto Italiano di Cultura, Serena Alessi.

## 19:30–20:30 IL-LETTERATURA MALTIJA MADWAR ID-DINJA

KNK | South Theatre

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kontinwament ifittex li jwassal il-letteratura Maltija għand firxa usa' ta' qarrejja billi jissieħeb ma' pubblikaturi internazzjonali u jappoġġja t-traduzzjoni ta' xogħlijiet ewlenin. Nick Kent (Peter Owen Publishers - Renju Unit), Kat Storace (Praspar Press - Renju Unit), Fatimah Abbas (Dar Noon Publishing - Eġittu), u Angela Arce (Colmillo Blanco - Perù) huma erba' pubblikaturi li riċentement ippubblikaw kotba minn Malta. Se jitkellmu dwar l-attrazzjoni tal-letteratura Maltija u kif inhi tintlaqa' lil hinn minn xtutna.

## 19:30–20:30 ĊAR KRISTALL? IT-TRADUZZJONI TAL-POEŻIJA

Inizjamed | North Hall 2

Attività mnebbħa mill-poeżiji li ġew tradotti waqt il-laboratorji ta' traduzzjoni li saru fuq medda ta' 15-il sena ta' edizzjonijiet differenti tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta. Il-parteċipanti →

se jkollhom l-opportunità jisimgħu l-poeżiji u jiddiskutu t-traduzzjoni tal-poeżija ma' wħud mit-tradutturi mistiedna għal-laboratorji msemmija.

20:00–21:00 **PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *ORGOGLIO SICILIANO* (BONFIRRARO EDITORE)**

Istituto Italiano Di Cultura & Bonfirraro Editore | South Hall

Preżentazzjoni tal-ktieb ta' Nuccio Carrara *Orgoglio Siciliano, luci e ombre dell'Autonomia e dell'Anima siciliana* (Bonfirraro Editore), segwit b'diskussjoni mal-awtur flimkien mal-publikkatur Salvo Bonfirraro u mad-direttriċi tal-Istituto Italiano di Cultura, Serena Alessi.

20:45–21:45 **SKRINJAR TA' FILM: TREVOR ŻAHRA - IR-REBBIEĦ TAL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB GĦALL-KONTRIBUT SIEWI FIL-QASAM TAL-KOTBA U L-LETTERATURA**

KNK | South Theatre

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jkun qed jagħti ġieh lill-kisbiet letterarji ta' isem sinonimu mal-letteratura Maltija, Trevor Żahra, li rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura s-sena l-oħra. Se jintwera għall-ewwel darba film qasir li jiċċelebra l-ħajja u x-xogħlijiet tiegħu, segwit minn diskussjoni ma' Richard Żahra, Chris Gruppetta, Leanne Ellul u Trevor Żahra nnifsu. Il-filmat huwa produzzjoni ta' Motion Blur.

IRREĠISTRA U BBUKKJA FUQ ShowsHappening.com



# IL-ĦADD — 7

9:30–10:30 **SESSJONI TA' QARI MA' RUTH FRENDO: *L-ĠĦOĠOL TAD-DEHEB* AND *ID-DINJA TAL-ORSINI***

Miller | South Hall

Waqt din is-sessjoni ta' qari, l-awtriċi tal-kotba għat-tfal u l-preżentatriċi Ruth Frendo se tkun qed taqra mill-kotba tas-serje *L-Għoġol tad-Deheb* u *Id-Dinja tal-Orsini*. Dawn il-kotba interattivi bir-realtà miżjuda (AR) ġew megħjuna mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u se jkunu għall-bejgħ bi prezz imraħħas.

10:00–11:00 **PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *WITH ALL DUE RESPECT* TA' JEFFREY PULLICINO ORLANDO**

Miller | North Hall 1

Jeffrey Pullicino Orlando se jkun qiegħed jippreżenta l-memorji politiċi tiegħu fil-ktieb *With All Due Respect* (Choppy Books, 2021). Ebda personalità famuża li sa issa dehret fil-ħajja tal-awtur, minn Alfred Sant sa Joseph Muscat jew Fenech Adami sa Lawrence Gonzi, ma teħlisha ħafif mill-isparaturi tal-pinna intelliġenti tiegħu. Xi minn daqqiet divertenti, bosta drabi jżommok, u fl-istess ħin jippersonifikalek il-gost, dal-ktieb mogħni b'qari eċċezzjonali.

10:00–12:00 **IL-PRESIDENT GEORGE VELLA JIFFIRMA L-KOTBA *TISJIR MILL-QALB***

Miller | South Theatre

Sessjoni ta' ffirmar tal-ktieb *Tisjir mill-Qalb* mal-President George Vella u s-Sa Vella b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation.

**10:30–11:15** **LUPU LUPETTU U ĦBIEB ĠODDA U ANTIKI**

Merlin Publishers | South Hall

Attività mmexxija minn Clare Azzopardi għal tfal ta' bejn il-5 u t-8 snin. Se nagħmlu festin ta' qari mal-lupu l-aktar maħbub, Lupu Lupettu! Il-Lupu se jġib miegħu lill-ħbieb tiegħu ġodda Akiko, Lenard, Mustaċċi, u Kaptan Fsied, u dawk antiki Ġojjell, Kukku, Serafin u Ġakki. Int ġej? Ibbukkja post fuq *info@merlinpublishers.com*

**11:30–13:30** **DRAMM: *PITO U PITA***

Horizons | South Hall

'Pito u Pita' huwa dramm ta' 20 minuta bbażat fuq l-istorja miktuba minn Daniella Zerafa u illustrata minn Matt Stroud. L-istorja tippreżenta t-temi tal-imħabba, id-diversità u l-ugwaljanza u ssegwi l-istorja tal-kokka Muki li trabbi żewġ pitirrossi jisimhom Pito u Pita. Dan huwa dramm b'element ta' fantasija addattat għall-pubbliku ġenerali u se jkun segwit minn diskussjoni qasira mal-awtriċi.

**11:30–12:30** **PREŻENTAZZONI TA' KTIEB: *SWEET MALTESE MOMENTS* TA' PAUL FENECH**

Midsea Books | North Hall 1

L-awtur tal-kotba tar-riċetti Paul Fenech, se jkun qiegħed jippreżenta l-ktieb ġdid tiegħu *Sweet Maltese Moments*. Il-preżentazzjoni se tkun segwita minn sessjoni ta' ffirmar fejn l-awtur se jkun qiegħed jiltaqa' mal-udjenza.




**12:30–13:30** **TAĦDITA INFORMATTIVA: X'HEMM GĦALIJA**

Creative Europe Desk Malta | North Hall 1

Taħdita informattiva dwar il-Programm Ewropa Kreattiva mill-Kap tal-Kultura ta' Creative Europe Desk Malta, Joseph Lia. Ewropa Kreattiva huwa l-programm ewlieni tal-Kummissjoni Ewropea li jappoġġja s-setturi kulturali u awdjoviżivi.

**13:30–14:30** **IFFIRMAR TA' KTIEB: *SLIEMA WIVES: THE NEW BREED* TA' GERARD JAMES BORG**

Midsea Books | South Hall

L-awtur ta' rumanzi popolari tal-faxxinu Gerard James Borg se jkun qed jiffirma l-aħħar ktieb tiegħu mis-sensiela *Sliema Wives: The New Breed* u jiltaqa' mal-pubbliku.

**14:00–15:00** **'DO PUPPETS TALK?' - XOW BIL-MARJUNETTI**

Merlin Library | North Hall 1

Xow bil-marjunetti b'qari ta' kotba għal tfal bejn l-4 u t-8 snin, kitba ta' Mandy Tabone u animazzjoni minn Shawn Briffa. Ibbukkjaw minn qabel fuq *mail@merlinlibrary.com*. L-ispazji limitati.

**15:30–16:30** **STEJJER, LOGĦOB, U KRAFTS GĦAT-TFAL**

Faraxa Publishing | North Hall 1

B'kollaborazzjoni ma' Żebbuġ Learning Studio, id-dar tal-pubblikazzjoni Faraxa tistieden lit-tfal u lill-ġenituri/gwardjani biex jiskopru l-pjaċir tal-qari tal-istejjer b'attivitajiet diverteni li jinkludu logħob u krafts li jgħinu biex itejbu l-fehim u titkebbes l-imħabba tat-tagħlim.

**16:00–16:45** 'IR-RUMANZINI'

Merlin Publishers | South Hall

Attività għat-tfal bejn is-7 u d-9 snin immexxija minn Antoinette Borg u Loranne Vella. Xalata ta' karattri u avventuri ġodda fil-kotba ġodda mis-sensiela bil-Malti 'Rumanzini'. Hemm xi ħaġa għal kulħadd – għal min iħobb il-pirati, il-ballerini jew il-fantaxjenza. Nistednuk tintilef f'dawn l-avventuri. Narawk! Ibbukkja post fuq *info@merlinpublishers.com*

**16:30–17:30** IL-KOTBA JIEĦDU L-ĦAJJA (BOOKS COME TO LIFE)

XOW DOPPJU

Danusan | South Theatre

Min qal li l-qari ma jistax ikun divertenti? Tim professjonali ta' atturi mmexxi mid-duo kariżmatiku DANUSAN se jkun qed jipproduċi spettaklu ta' teatru live addattat mix-xogħlijiet rebbieħa tal-Premju Terramaxka tal-2021, li jitħabbru fil-lejla tal-ftuħ tal-Festival. Il-kotba se jkunu qed jiġu animati bil-Malti minn Daniel Chircop u Chrysander Agius.

It-tfal jistgħu jingħaqdu għad-divertiment mal-familji tagħhom kull waranofsinhar matul il-Festival, b'żewġ wirjiet virtwali speċjali fi tmiem il-ġimgħa. Għall-ewwel darba l-ispettakli se jkunu b'xejn, u kulma trid tagħmel hu li tibbukkja l-post tiegħek fuq showshappening.com. U tinsiex tuża l-vawċer li ngħatalek bħala student - li għall-ewwel darba huwa validu biex jintuża fil-ħinijiet kollha tal-Festival.

**17:00–17:45** PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB: *WHERE WILD ORCHIDS GROW* BY JOHAN SIGGESSON

Marvellous Malta | South Hall

Il-fotografu professjonali tal-annimali slavaġ Johan Siggesson jirrakkonta l-istorja ta' kif l-ewwel ktieb minn serje ġdida ta' kollezzjoni sar realtà. Se nisimgħu dwar kif il-pandemija ġegħlitu jibdel avventuri eċitanti ma' gurilli u ljuni għall-orkidej ċkejknin ta' → Malta, u kif sar iħobbhom. Il-ktieb juri orkidej slavaġ Maltin b'mod li qatt ma dehru qabel.

**17:00–18:00** TNEDIJA TA' KTIEB: L-40 EDIZZJONI TA' *LEĦEN IL-MALTI*

Għaqda Tal-Malti - Università | North Hall 1

Il-programm tat-tnedija ta' għadd 40 tar-rivista tal-Għaqda tal-Malti – Università huwa wieħed varjat. Apparti l-qari ta' siltiet mix-xogħlijiet li se jidhru fir-rivista, se jkun hemm artisti lokali kemm mix-xena mużikali kif ukoll mix-xena tat-teatru. L-attività se tkun iddedikata lill-Professur Oliver Friggieri.

**17:30–20:00** SKRINJAR TA' FILM: *IS-SRIEP REĠGĦU SARU VELENUŻI*

KNK | South Theatre

Wara d-debutt tiegħu fiċ-ċinema lokali dan is-sajf, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb se jkun qed jospita skrinjar b'xejn ta' *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* b'introduzzjoni qasira mid-direttur Martin Bonnici. Il-film huwa addattament tar-rumanz tal-istess isem ta' Alex Vella Gera, u ttella' bl-appoġġ tal-Fond għall-Adattament Ċinematografiku tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

IRREĠISTRA U BBUKKJA FUQ ShowsHappening.com




| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A1 | MERLIN PUBLISHERS | A12 | BDL | A23 | EDE BOOKS / KIXOTT | A34 | DUNSTAN HAMILTON |
| A2 | MERLIN PUBLISHERS | A13 | KITE GROUP | A24 | INIZJAMED | A35 | DANIEL SCHEMBRI |
| A3 | MIDSEA BOOKS / KLABB KOTBA MALTIN | A14 | MELLIEĦA LOCAL COUNCIL | A25 | HERITAGE MALTA PUBLISHING / L-AKKADEMJA TAL-MALTI | A36 | PAUL FENECH GONZI |
| A4 | MIDSEA BOOKS / KLABB KOTBA MALTIN | A15 | WIRT IŻ-ŻEJTUN | A26 | DEER PUBLICATIONS | A37 | MATTHEW SCHEMBRI |
| A5 | KIWI PUBLICATIONS | A16 | AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT | A27 | FRIENDS OF THE NATIONAL ARCHIVES OF MALTA | A38 | CARMEN J. SCHEMBRI |
| A6 | ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA | A17 | DAR TAL-PUBBLIKAZZJONI QUM | A28 | MALTA UNIVERSITY PRESS | A39 | LARA BEZZINA |
| A7 | GERMAN-MALTESE CIRCLE / DEPARTMENT OF GERMAN UNIVERSITY OF MALTA | A18 | LIBRERIJA PRECA | A29 | FARAXA PUBLISHING | A40 | NARCY CALAMATTA |
| A8 | TEATRU MALTA | A19 | ĊAK | A30 | SKS PUBLISHERS | A41 | PETER CALAMATTA |
| A9 | MARVELLOUS MALTA | A20 | BOOKENDS - MILLER | A31 | HORIZONS | A42 | MARIO SALIBA |
| A10 | MERLIN LIBRARY | A21 | FONDAZZJONI SAGĦTAR | A32 | AGENDA BOOKSHOP | | |
| A11 | CREATIVE EUROPE DESK MALTA | A22 | GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ | A33 | MALTA LIBRARIES | | |

ACTIVITY HALLS

EXHIBITOR STANDS

RESTROOMS

SANITIZING STATION

TEMPERATURE CONTROL

# ESEBITURI

## A32 AGENDA BOOKSHOP *agendabookshop.com*

*Miller House, Airport Way, Tarxien Road, Luqa. LQA 1814 Malta*
*+356 2366 7269 | laurence.xuereb@millermalta.com*

Agenda Bookshop huwa wieħed mill-aktar bejjiegħa tal-kotba u tal-fuljetti importanti f'Malta. Il-ħwienet tal-Agenda jinsabu f'postijiet ċentrali u ewlenin f'Malta, fosthom l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Kampus tal-Università ta' Malta, u stabbilimenti ewlenin tax-xiri. Għand Agenda Bookshop issib l-aqwa u l-aħħar kotba li kienu suċċess madwar id-dinja, kif ukoll għażla wiesgħa ta' titli ġodda kuljum. L-għażla ta' kotba għand Agenda hija varja daqs kemm mistennija li tkun minn ħwienet tal-kotba ewlenin fir-Renju Unit.

## A16 AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT *ahmadiyya.org.mt*

*P.O. Box 78, Pieta, PTA1000, Malta*
*+356 2165 5255, +356 7965 5255 | amjmalta@gmail.com*

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana hija organizzazzjoni reliġjuża internazzjonali b'fergħat f'aktar minn 210 pajjiżi. Hija tinkoraġġixxi djalogu, paċi, imħabba u rispett bejn segwaċi ta' twemmin differenti. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tippromwovi l-edukazzjoni, l-għarfien u l-qari tal-kotba, u għal dan l-għan il-Komunità tippubblika kotba bil-Malti. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana hija magħrufa wkoll għas-sehem tagħha attiv fl-għajnuna soċjali u li tgħin lil dawk li huma fil-bżonn, u tinvolvi ruħha f'ħidma karitatevoli u filantropika. Il-motto tagħha huwa: "Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal ħadd".

## A12 BDL *bdlbooks.com*

*13, Giorgio Preca Street, San Ġwann - SĠN3511*
*+356 2138 0351 | info@bdlbooks.com*

BDL Distribution ilu għal aktar minn 25 sena d-distributur ewlieni ta' pubblikazzjonijiet fil-ħwienet tal-kotba u ħwienet oħra f'Malta u Għawdex. BDL Publishing, it-tieni pilastru tal-kumpanija, jispeċjalizza f'kotba ta' kwalità li jvarjaw minn letteratura fittizja għat-tfal għal kotba prestiġjużi tal-melitensia. It-tielet pilastru tal-kumpanija huwa BDL Retail. Il-ħanut ta' San Ġwann jinkludi ġabra estensiva tal-aqwa kotba fejn wieħed jista' jfittex u jixtri direttament minn għażla ta' 'l fuq minn 20,000 titlu.

## A20 BOOKENDS - MILLER

*+356 2180 2272 | bookendsf@millermalta.com*

Bookends huwa ħanut il-Fgura li joffri kotba ġodda bi prezzijiet ferm iktar baxxi mill-prezzijiet oriġinali tagħhom. Għandek issib għażla kbira ta' kotba fuq suġġetti differenti. Fis-suq lokali Bookends kiseb reputazzjoni qawwija, kemm għall-kwalità tal-kotba, kif ukoll għall-prezzijiet irħas ħafna.

## A19 ĊAK *cakmalta.org / ruhmalta.com*

*S. Sommier Street, Birkirkara BKR4611*
*+356 2149 8343 | info@cakmalta.org*

Iċ-ĊAK (Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni), fi ħdan il-Patrijiet Franġiskani Konventwali, twaqqaf fl-1998 bl-iskop li jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-animazzjoni reliġjuża permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Beda jippubblika diversi fuljetti, rivisti u kotba ta' natura reliġjuża u fl-2005 inkorpora miegħu d-Dar Editriċi Reliġjon u ħajja li kienet twaqqfet →

fl-1967 minn Patri Alessandru Bonnici. Id-Dar Editriċi kompliet bil-ħidma fil-qasam tal-kotba reliġjużi u f'dan l-aħħar żmien saret il-pubblikatur uffiċjali tad-dokumenti l-aktar importanti tal-Knisja u tal-Papiet; dan bi ftehim mal-Konferenza Episkopali Maltija u mal-Libreria Editrice Vaticana. S'issa ċ-ĊAK ippubblika aktar minn 325 ktieb.

## A38 CARMEN J. SCHEMBRI

*+356 7927 2418 | carmen.jschem@outlook.com*

Carmen J. Schembri hija għalliema irtirata wara 24 sena tgħallem ir-reliġjon u suġġetti umanitarji oħra. Gradwata b'Baċellerat fit-Teoloġija u l-Istudji Reliġjużi mill-Università ta' Malta, kif ukoll b'Maġisteru fil-Kreattività u l-Innovazzjoni, iddeċidiet li toħroġ l-ewwel ktieb tagħha *Religiosity Finds its Perfection in Spirituality* li bih tixtieq turi li l-kunċett tal-ispiritwalità jista' jġib bidla fil-mod kif jiġi mgħallem ir-reliġjon fl-iskejjel sekondarji.

## A11 CREATIVE EUROPE DESK MALTA *ewropakreattiva.mt*

*204B, Vincenti Buildings Triq l-Ifran, Valletta*

*+356 2124 2601 | info.culturedesk@ewropakreattiva.mt, info.mediadesk@ewropakreattiva.mt*

Ewropa Kreattiva 2021-2027 huwa l-programm ta' Eur 2.4 biljun tal-UE li jappoġġja setturi kulturali u kreattivi. Ewropa Kreattiva qiegħda hemm biex tissalvagwardja, tiżviluppa u tippromwovi d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiku Ewropew, u żżid il-kompetittività u l-potenzjal ekonomiku tas-setturi kulturali u kreattivi.



## A35 DANIEL SCHEMBRI

*danielschembri89@gmail.com*

Daniel Schembri huwa l-awtur tar-rumanz debutt tiegħu *Nyctophilia*. Nyctophilia (nom.) *Attrazzjoni lejn id-dlam jew il-lejl; rilassament u kumdità fid-dlam*. Iltaqa' ma' Daniel Schembri, l-awtur ta' dan ir-rumanz skur miktub bil-Malti liriku, naturali u grafiku, iżda li jxeqleb lejn il-poetiku. Kopji tal-ktieb se jkunu disponibbli għall-bejgħ.

## A17 DAR TAL-PUBBLIKAZZJONI QUM

*42, Triq Dun Ġwann Theuma, Ħ'Attard*

*+356 7904 8186 | kotbaqum@gmail.com*

Id-Dar tal-Pubblikazzjoni QUM, imwaqqfa fl-2012, hi impenjata biex tforni lill-pubbliku b'letteratura distintivament riformista, kemm oriġinali kif ukoll tradotta. L-għan hu sabiex jitwassal l-evanġelju fis-sbuħija tiegħu ħalli dawk li jikkunsidraw isiru dixxipli ta' Ġesù jitgħallmu t-triq li twassal għall-ħajja, kif ukoll sabiex il-Kristjani jimmaturaw aktar bħala dixxipli ta' Sidna Ġesù Kristu.

## A26 DEER PUBLICATIONS

*Cervus, 72A, Triq Doni, ir-Rabat, Malta*

*+356 9938 5496, +356 7905 8691 | deerandrew@gmail.com*

Deer Publications hija dar tal-pubblikazzjoni żgħira li stabbiliet ruħha fil-qasam partikolari iżda popolari ta' kotba relatati mal-ħajja tal-qaddisin u ċ-ċelebrazzjonijiet soċjokulturali tagħhom li jsiru lokalment b'pompa u entużjażmu kbir. Il-pubblikazzjoni ewlenija tagħha hija l-enċiklopedija tal-festa Ilwien il-Festi Maltin (kull wieħed mill-għaxar volumi jinkludi 'l fuq minn 650 ritratt meħud mill-fotografu professjonali u dilettant tal-festa Mark Micallef →

Perconte). L-editur tas-serje huwa Andrew Borg li wkoll daħal mill-ġdid fis-suq tal-kotba tal-qaddisin addattati għall-qarrej żagħżugħ. L-aħħar proġett ta' Deer Publications huwa pubblikazzjoni maġġuri ta' kollezzjoni ta' studji akkademiċi dwar San Ġużepp, li għalih il-Papa Franġisku ddikjara l-2021 bħala s-sena speċjali tiegħu.

### A34 DUNSTAN HAMILTON

*dunstan.hamilton@gmail.com*

Dunstan Hamilton, awtur ta' aktar minn 35 ktieb għat-tfal, bl-aktar popolari *Xummiemu Stories* u *L-Avventuri ta' Xadina Brikkuna*, reġa' lura, din id-darba bi ktieb għat-tfal bl-Ingliż, *The Very Naughty Headmistress*. B'aktar minn 50,000 kopja tal-kotba tiegħu fiċ-ċirkolazzjoni, din l-aħħar pubblikazzjoni għandha tkun għall-bejgħ flimkien ma' bosta titli oħra Maltin u Ingliżi mill-awtur, b'offerti speċjali matul il-Festival.

### A23 EDE BOOKS / KIXOTT *edebooks.eu*

*Kixott, 169, Triq il-Kbira, Mosta, MST 1010*
*+356 2720 135, +356 79827 522 | info@edebooks.eu*

Koperattiva Kixott huwa ħanut tal-kotba u spazju għall-avvenimenti kulturali. Il-koperattiva hija magħmula minn numru ta' artisti u b'kollaborazzjoni ma' Ede Books.

Ede Books hija impriża żgħira ta' pubblikazzjoni li tipproduċi kotba u pubblikazzjonijiet perjodiċi b'kontenut viżiv li jmiss mal-arti, il-poeżija, il-fotografija u l-kultura urbana.

### A29 FARAXA PUBLISHING *faraxabooks.com*

*+356 9982 0157 / info@faraxapublishing.com*

Id-Dar tal-Pubblikazzjoni Faraxa twaqqfet fl-2011 bil-għan li tippubblika traduzzjonijiet letterarji u mhux għal-lingwa Maltija; xogħlijiet ta' awturi rinomati fid-dinja, kif ukoll ta' dawk inqas magħrufa. Is-Sensiela Traduzzjonijiet Faraxa issa tinkludi 'l fuq minn 25 xogħol klassiku Ewropew fit-traduzzjoni għall-Malti u se tkun qed tespandi aktar. Faraxa ppubblikat kotba ta' ħafna ġeneri, minn xogħlijiet akkademiċi, mużika klassika, poeżija, filosofija, xogħlijiet għall-adolexxenti, kif ukoll xogħlijiet ta' fantasija u letteratura għat-tfal.

### A21 FONDAZZJONI SAGĦTAR *saghtar.org.mt*

*+356 2122 4909, +356 7709 8518 | info@saghtar.org.mt*

Fondazzjoni Sagħtar hija l-id professjonali tal-Malta Union of Teachers (MUT), u taħdem biex ittejjeb u ġġib 'il quddiem il-kwalitajiet professjonali tal-edukaturi Maltin u Għawdxin, u tgħin fil-ħidma edukattiva permezz ta' pubblikazzjonijiet, korsijiet, taħditiet u riżorsi edukattivi oħrajn. Ewlenija fost il-pubblikazzjonijiet tal-Fondazzjoni hija r-rivista popolari *Sagħtar*, li toħroġ kull xahar matul is-sena skolastika u għandha storja ta' 50 sena.

### A27 FRIENDS OF THE NATIONAL ARCHIVES OF MALTA

*fnamalta.org*
*The National Archives, Hospital Street Rabat, RBT1043, Malta*
*+356 2145 9863 | fnamalta@gmail.com*

L-għan tal-organizzazzjoni huwa li titqajjem kuxjenza pubblika dwar ix-xogħol li jsir fl-Arkivji Nazzjonali u l-importanza li jiġi ppreservat materjal ta' valur storiku.

## A7 GERMAN-MALTESE CIRCLE / DEPARTMENT OF GERMAN UNIVERSITY OF MALTA

*germanmaltesecircle.org*
*141, Palazz Messina, Valletta, Malta*
*+356 2124 6967*

Il-German-Maltese Circle hija organizazzjoni volontarja li twaqqfet fit-18 ta' Ottubru 1962. L-għan tagħha huwa li tippromwovi ħbiberija bejn il-Ġermanja u Malta u għaldaqstant l-Għaqda ilha mit-twaqqif tagħha torganizza attivitajiet kulturali u korsijiet tal-Ġermaniz kemm għat-tfal u kemm għall-adulti.

Id-Dipartiment tal-Ġermaniż huwa parti mill-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta. Id-Dipartiment joffri l-opportunità li l-istudenti jistudjaw il-Ġermaniż f'firxa ta' korsijiet: korsijiet full-time undergraduate u postgraduate (BA Unuri bil-Ġermaniż, BA Ġenerali bil-Ġermaniż, MA u PhD bil-Ġermaniż), korsijiet tal-lingwa part-time għal-livelli kollha tal-lingwa (Ċertifikat/Diploma fil-Proficjenza tal-Lingwa), u korsijiet part-time filgħaxija għall-pubbliku ġenerali (Ċertifikat/Diploma bil-Ġermaniż).

## A22 GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ

*ghaqdatalmalti.org*
*Dar l-Istudent, L-Università ta' Malta, Tal-Qroqq*
*+356 7922 1197 | ghaqdatalmalti@gmail.com*

L-Għaqda tal-Malti - Università hija organizzazzjoni studenteska bl-għan li tirrappreżenta lill-istudenti tal-Malti f'livell postsekondarju u terzjarju, u toffri spazju għal kull min għandu għal qalbu l-Malti sabiex jaħdem favur din il-lingwa, b'modi differenti. Kull sena l-Għaqda tniedi l-pubblikazzjoni annwali tagħha, Leħen il-Malti, waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

## A25 HERITAGE MALTA PUBLISHING / L-AKKADEMJA TAL-MALTI

*heritagemalta.org*
*L-Isptar ta' Bighi, Triq il-Marina, Bighi, Kalkara, KKR 1524*
*publications.heritagemalta@gov.mt*

Heritage Malta hija l-aġenzija nazzjonali tal-mużewijiet, il-konservazzjoni u l-patrimonju kulturali. Hija attiva ferm fil-kamp tal-pubblikazzjoni bħala parti mill-isforzi tagħha b'risq id-demokratizzazzjoni tal-patrimonju. Il-firxa ta' xogħlijiet ippubblikati tinkludi katalgi tal-wirjiet, ġabriet ta' studji, kotba għat-tfal, kotba marbuta ma' proġetti ta' konservazzjoni u riġenerazzjoni, u studji aktar iffukati. Fil-ħarifa tal-2015, Heritage Malta nediet ukoll perjodiku li joħroġ darbtejn fis-sena.

Fl-14 ta' Novembru 1920 twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li aktar tard saret magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. Il-ħsieb ewlieni tagħha kien li tagħżel alfabett li jkun imħaddem mill-kittieba kollha tal-Malti. L-Akkademja tal-Malti hija msieħba fil-European Writers Council u kull tliet snin tieħu sehem fil-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea. L-Akkademja tal-Malti taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja.

## A31 HORIZONS

*horizons.com.mt*
*Triq l-Iskultur, Qormi QRM 3580*
*+356 2144 1604 | info@horizons.com.mt*

Horizons hija waħda mid-djar tal-pubblikazzjonijiet ewlenin f'Malta, rebbieħa ta' bosta premji letterarji fil-kategoriji differenti tal-kotba. Ippubblikat awturi magħrufa u stabbiliti bħal Mario Azzopardi, Charles Briffa, Lina Brockdorff, Victor Fenech, Charles Flores, Albert Marshall, Gorg Peresso, Giuseppe Schembri Bonaci u Vincent Vella, kif ukoll introduċiet awturi ġodda bħal Eman Bonnici, Edgar Formosa, Jacqueline Mizzi, Sergio Grech, Tyrone Grima, Stephen Lughermo, Justin Schembri u André Mangion.

A24 **INIZJAMED** *inizjamed.org*

*info@inizjamed.org*

Inizjamed hija organizzazzjoni kulturali Mediterranja li twaqqfet fl-1998 bil-għan li tmexxi proġetti kulturali u artistiċi fuq livell lokali u internazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-inizjattivi ta' Inizjamed huma marbutin mal-kitba kreattiva bil-Malti, fosthom l-organizzazzjoni ta' workshops ma' awturi magħrufin u festivals tal-letteratura, iżda dejjem ikun hemm interazzjoni ma' forom oħra tal-arti, bħat-teatru, il-mużika u l-arti viżiva. Isiru wkoll ħafna proġetti f'oqsma artistiċi u kulturali oħrajn.

A6 **ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA**

*iicvalletta.esteri.it / iic_lavalletta/it*

*St. George's Square, Valletta VLT 1190*

*+356 2122 1462 | segr.iiclavalletta@esteri.it*

L-Istituto Italiano di Cultura huwa simbolu tal-wirt Taljan f'Malta u huwa parti mill-Ambaxxata Taljana f'Malta. L-għan ewlieni tiegħu huwa l-promozzjoni tal-lingwa u l-kultura Taljana permezz ta' avvenimenti - bħal wirjiet, kunċerti u konferenzi - u librerija estensiva miftuħa għall-pubbliku.

A13 **KITE GROUP** *kitegroup.com.mt*

*296, Naxxar Road, B'Kara*

*+356 9993 2592 | info@kitegroup.com.mt*

Il-kreattività, l-innovazzjoni, u l-kwalità għolja u ta' interess għall-qarreja huma fost l-aktar kunsiderazzjonijiet importanti għal Kite Group. Permezz ta' kull ktieb, Kite Group jimmira li joħloq esperjeza li tagħti gost lill-qarrejja. Dan jgħodd kemm għal min ifittex il-viżiv u anki għal min ifittex il-qari. Fost il-kotba li ġew ippubblikati minn din id-dar tal-pubblikazzjonijiet, rebbieħa ta' diversi premjijiet, hemm dawk dwar l-arti, il-kultura, bijografiji, stejjer qosra, kotba t'umoriżmu, fotografija, arkitettura, liġi u l-istorja ta' pajjiżna. Kite Group joffri servizz lill-qarrejja u lil kull min irid jippubblika ktieb. Tista' tixtri kotba ppubblikati minn Kite Group minn *www.kitegroup.com.mt* u tingħata skont ta' 25% billi ddaħħal il-kodiċi tal-kupun *BOOKS25*.

A5 **KIWI PUBLICATIONS** *kiwipublications.com*

*+356 99587042 | luisa@kiwipublications.com*

Kiwi hija dar tal-pubblikazzjoni ffukata fuq li toffri esperjenza unika fil-kotba għat-tfal. Kiwi temmen li l-kotba għandhom jipprovdu opportunità għat-tfal biex jitgħallmu u joħolmu. Konformi mal-filosofija tagħha, Kiwi tippubblika kotba tat-tfal ta' kwalità għolja b'differenza, u ġġib stejjer sinjifikanti u tispira lill-qarrejja żgħar biex joħolmu.

A39 **LARA BEZZINA**

*bezzinalara@gmail.com*

Lara Bezzina hija l-awtriċi ta' *The Little Island that Was no More / Il-Gżira Żgħira li m'għadhiex iżjed*, ktieb immirat biex iqajjem kuxjenza mat-tfal dwar l-importanza tan-natura. L-istorja hija dwar il-gżira żgħira ta' Plota, fejn kulħadd qed jgħix kuntent sakemm żagħżugħjibda jibni bini enormi kullimkien u jaqta' siġar. In-nies ta' Plota ma jkunux kuntenti u jitolbu l-għajnuna tar-Re.

## A18 LIBRERIJA PRECA

*205, Triq San Ġorġ Preca, Marsa. MRS9090*

*+356 2122 2626, +356 7922 2625 | precabookshop@gmail.com*

Fl-1975 is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija magħrufa bħala M.U.S.E.U.M. żviluppat ħanut tal-kotba, illum stabbilit sewwa, bl-isem tal-fundatur tagħha, Preca Library. Il-ħanut jispeċjalizza fil-bejgħ ta' letteratura reliġjuża u riżorsi multimedjali oħra minn bosta mid-djar tal-pubblikazzjoni ewlenin fl-Ewropa, l-Asja u l-Amerika ta' Fuq. F'Novembru 1997 il-ħanut tal-kotba mexa għal żona aktar spazjuża u ddisinjata speċifikament għalih fid-Dar Ċentrali tas-Soċjetà fi Blata l-Bajda, li toffri aċċess aħjar għall-pubbliku ġenerali. Minbarra l-varjetà kbira ta' kotba spiritwali, il-Librerija Preca toffri varjetà kbira ta' tifkiriet Nisranin għall-okkażjonijiet kollha: Il-Milied, Il-Ġimgħa Mqaddsa, Tiġijiet, Il-Magħmudija, It-Tqarbina, Il-Griżma, Għeluq is-snin, eċċ.

## A33 MALTA LIBRARIES *maltalibraries.gov.mt*

*+356 2598 3500 | customercare.cpl@gov.mt*

Malta Libraries hija l-entità responsabbli għall-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, il-Librerija Nazzjonali (Għawdex), il-Librerija Ċentrali Pubblika, il-Librerija Pubblika ta' Għawdex, il-Libreriji Pubbliċi Reġjonali u Lokali f'Malta u Għawdex u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Bibljografija. Bħala entità, Malta Libraries ġiet imwaqqfa bl-Att Dwar il-Libreriji Maltin (Att VII tal-2011), flok dak li qabel kien id-Dipartiment tal-Libreriji.

## A28 MALTA UNIVERSITY PRESS *um.edu.mt/mup*

*University of Malta, Msida MSD 2080, Malta*

*+356 2340 6126 | mup@um.edu.mt*

Il-Malta University Press hija d-dar żgħira iżda prestiġjuża tal-pubblikazzjonijiet akkademiċi tal-Università ta' Malta, l-università nazzjonali tal-gżejjer Maltin. L-Istampa hija speċjalizzata fil-produzzjoni ta' xogħlijiet ta' kwalità għolja u riveduti b'mod rigoruż mill-pari ta' Malta u l-Mediterran b'interess partikolari fix-xjenzi umanistiċi u soċjali.

## A42 MARIO SALIBA

*mariosaliba@gmail.com*

Mario Saliba huwa tabib tal-familja u riċerkatur fil-Mediċina Iperbarika. Irriċerka dwar l-istorja tal-mediċina u kiteb bosta artikli f'rivisti u ġurnali varji dwar temi soċjali, kulturali, u l-istorja soċjali tal-mediċina u s-saħħa. Fl-2004 ippubblika ktejjeb dwar mixjiet fin-Nadur. Fl-2007 ħareġ it-tieni edizzjoni ta' dan il-ktejjeb. Saliba huwa membru tal-Akkademja tal-Malti.

## A9 MARVELLOUS MALTA *marvellousmalta.com*

*+356 9989 4772 | contact@marvellousmalta.com*

Marvelous Malta tippubblika kotba li jiċċelebraw l-għeġubijiet naturali ta' Malta. B'fotografija eċċellenti, l-ewwel ktieb tagħha - *Fejn Jikbru l-Orkidej Selvaġġi* - jiżvela b'mod sabiħ id-dinja affaxxinanti tal-orkidej slavaġ tagħna. L-ambizzjoni hi li kull sena toħroġ episodju bħala kollezzjoni ta' dan il-vjaġġ estetiku qrib il-Milied.

## A37 MATTHEW SCHEMBRI *matthewschembri.com*

*56, Saint Francis Street, Marsa, Malta, MRS2060*

*+356 9948 6363 | matthewschembri13@gmail.com*

Matthew Schembri huwa artist viżiv u kittieb ibbażat f'Malta. Schembri rebaħ il-premju Divergent Thinkers 04 (2015), il-Konkors ta' Kitba - Letteratura għaż-Żgħażagħ tal-KNK (2016), Shifting Contexts (2019) u fl-2018 ingħata l-premju bħala l-Artist Żagħżugħ tas-Sena 2017 mill-Kunsill Malti għall-Arti. Ir-rumanz debutt tiegħu, *Stessi*, ġie ppublikat minn Merlin Publishers fl-2018 u kull paġna tar-rumanz ġiet parzjalment imħassra mill-kittieb innifsu bħala parti mill-proġett ħassartek fl-2021.

## A14 MELLIEĦA LOCAL COUNCIL *mellieha.gov.mt*

*126, New Mill Street, Mellieħa, MLĦ 1107*

*+356 2152 1333 | customercare.mellieha.lc@gov.mt*

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa se jkun qiegħed ibigħ prinċipalment kotba mill-ħannieqa Kulturali ppubblikati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u miktuba minn diversi awturi, l-aktar relatati mal-wirt, l-istil ta' ħajja u l-istorja tar-raħal tal-Mellieħa.

## A10 MERLIN LIBRARY *merlinlibrary.com*

*Mountbatten Street, Blata l-Bajda / Bisazza Street, Sliema*

*+356 2123 4438 | mail@merlinlibrary.com*

Merlin Library ilu jissupplixxi kotba lill-iskejjel primarji, sekondarji u postsekondarji mill-1978. Wieħed mill-ħwienet li għandna u li jinsab Blata l-Bajda huwa l-uniku ħanut ġo Malta li jġib il-kotba tal-iskola tul is-sena kollha. Issibilna wkoll għażla wiesgħa ta' materjal għar-reviżjoni għal ħafna mis-suġġetti. Nispeċjalizzaw f'kotba għat-tfal u kontinwament inġibu eluf ta' kotba għal tfal ta' bejn it-3 xhur sal-adolexxenti. Għandna selezzjoni kbira ta' kotba fittizji u mhux fittizji u oħrajn ta' interess ġenerali għall-adulti. Spiss ikollna wkoll offerti speċjali għal tfal li huma membri fil-Wizzies Club. Merlin Library kien l-ewwel li introduċa lill-awturi tal-kotba tat-tfal ġewwa Malta fejn dawn daru l-iskejjel jitkellmu mat-tfal u jissapportjaw lill-iskejjel fuq kemm huwa importanti l-qari għall-istudenti. Fl-2003, Lynne Reid Banks kienet l-ewwel awtriċi li ġiet Malta u wara din kien hemm ħafna oħrajn.

## A1 / A2 MERLIN PUBLISHERS *merlinpublishers.com*

*42, Mountbatten Street, Blata l-Bajda HMR1574*

*+356 2124 6472 | info@merlinpublishers.com*

Il-Merlin, mill-bidu tagħha fl-1964 sal-lum, żviluppat fl-aktar dar ta' pubblikazzjoni Maltija innovattiva u avventuruża. Il-Merlin għandha lista estensiva ta' letteratura Maltija, u saret l-ewwel dar għall-parti l-kbira tal-awturi stabbiliti Maltin kif ukoll dejjem tilqa' u tagħti l-opportunità lil awturi emerġenti. Il-Merlin Publishers rebħet bosta drabi l-Premju tal-Aqwa Dar ta' Pubblikazzjoni u dejjem kienet minn tal-ewwel bl-introduzzjoni u esperimentazzjoni ta' stili ġodda ta' produzzjoni, disinn u marketing. Kotba Merlin ġew esibiti fil-Fieri tal-Ktieb ta' Frankfurt, Londra u Bologna.

## A3 / A4 MIDSEA BOOKS / KLABB KOTBA MALTIN

*midseabooks.com*

*68 Carmelites Street, Sta Venera / 6 Strait Street, Valletta*

*+356 2149 7046, +356 2149 6911 | admin@midseabooks.com*

Midsea Books Ltd. u Klabb Kotba Matin huma meqjusa fost il-pubblikaturi ewlenin f'Malta. Id-dar tal-pubblikazzjoni twaqqfet minn Pawlu Mizzi fl-1969. Din is-sena l-KKM qed jiċċelebra l-50 anniversarju mill-pubblikazzjoni tal-ewwel ktieb *Il-Gaġġa* fl-1971. Midsea Books u s-sussidjarji tagħha Klabb Kotba Maltin u Heritage Books jippubblikaw ġeneri differenti ta' kotba, minn dawk għat-tfal, rumanzi u novelli, sa storja u kotba tal-arti dwar Malta. Bosta mill-kotba ppubblikati huma rebbieħa ta' premjijiet jew ġew imsemmija fi premjijiet letterarji kemm Malta kif ukoll barra.

## A40 NARCY CALAMATTA

*9945 8580 | narcycalamatta@gmail.com*

Narcy Calamatta jitqies bħala ikona tat-teatru f'Malta. Ippubblika *Why Commedia? Why Malta?* Kif ukoll it-traduzzjoni tiegħu *Għaliex Commedia? Għaliex Malta?* Ħareġ ukoll Endgame bil-Malti, traduzzjoni tal-kummiedja ta' Samuel Beckett. Ħareġ ukoll 1,2,3, Love li jinkludi 3 kummiedji oriġinali bl-Ingliż. Kull ktieb jinkludi esejs akkademiċi fuq is-suġġetti relatati.

## A36 PAUL FENECH GONZI

*+356 9982 1104 | pfgarm@gmail.com*

Paul Fenech Gonzi huwa l-awtur ta' *Judas: The Malta Revelations*, l-istorja li fiha jmut Joshua Sacco waqt li jkollu pussess ta' sigriet, li potenzjalment jeqred waħda mill-akbar ħrejjef tal-umanità u jheżżeż il-pedamenti tal-Knisja Kattolika. L-istorja twassal għar-rivelazzjonijiet ta' stejjer li raqdu għal millenji sħaħ fix-xtut tal-gżejjer Maltin u t-tradizzjonijiet Pawlini tagħha b'għeruq fondi. Kopji tal-ktieb se jkunu għall-bejgħ waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

## A41 PETER CALAMATTA

*9949 2563 | E: petercalamatta@gmail.com*

Peter Calamatta jitqies bħala ikona tal-ġardinaġġ f'Malta. Għalhekk ippubblika *Gardening in Malta u Maltese Plants in the Bible*. Ħareġ ukoll bijografija mhux tas-soltu, Me and My Mentors. L-aħħar li ħareġ hu ktieb ta' ispirazzjoni fuq il-ġlieda tiegħu mal-kanċer, *Hemm fuq Xi Ħadd Iħobbni.*



## A30 SKS PUBLISHERS *skspublishers.com*

*Ċentru Nazzjonali Laburista, Triq Mlle End, Il-Ħamrun*

*skspublishersmalta@gmail.com*

SKS hija dar tal-pubblikazzjoni bbażata f'Malta li tispeċjalizza prinċipalment fil-ġeneri tal-istorja, letteratura, teorija politika, kultura, u bijografija. SKS tirsisti biex tinforma u teduka lill-pubbliku ġenerali billi tippubblika kotba ta' kwalità għolja bbażati fuq fehim liberali tal-ħajja, l-istorja u l-letteratura, biex tipprovdi kittieba u riċerkaturi ta' konvinzjoni simili l-opportunità li jippubblikaw ix-xogħlijiet tagħhom, u biex jikkontribwixxu lejn l-arrikkiment soċjali, kulturali, intellettwali u nazzjonali.

## A8 TEATRU MALTA *teatrumalta.org.mt*

*Teatru Pandora, Triq il-Ħerba, Iż-Żejtun ZTN1201*

*contact@teatrumalta.org.mt*

Imwaqqfa fl-2017, aħna kumpanija tal-produzzjoni ta' xogħlijiet teatrali abbażi ta' proġetti, li nivvjaġġaw minn post għall-ieħor madwar Malta u Għawdex kull darba, u nagħmlu teatru li jgħodd għal kull tip ta' udjenza. Kien importanti li ma noħolqux teatru fi spazju wieħed għall-istess udjenza, u ridna noħolqu teatru kullimkien għal kulħadd, barra u ġewwa, u nivvjaġġaw kullimkien minn skejjel għal każini tal-baned, klabbs, teatri parrokkjali, teatri nazzjonali u toroq – u dak hu preċiżament dak li għamilna.

## A15 WIRT IŻ-ŻEJTUN *wirtizzejtun.com*

*Wirt iż-Żejtun, Kaxxa Postali 25, Iż-Żejtun ZTN1000*

*E: wirtizzejtun@gmail.com*

Wirt iż-Żejtun hija organizzazzjoni lokali mhux governattiva (NGO) li taħdem fis-settur tal-wirt. Il-viżjoni tagħna hija li fl-iqsar żmien possibbli nimmotivaw lin-nies taż-Żejtun biex jifhmu bżonn li napprezzaw, nirrispettaw u nieħdu ħsieb il-wirt naturali, kulturali, ambjentali, storiku, etnografiku u arkeoloġiku taż-Żejtun u n-nies tagħha.

# PINĠINI!





# Ħinijiet tal-Ftuħ

**l-Erbgħa 3**
09:00—13:00 | 17:30—21:30

**Il-Ħamis 4**
09:00—13:00 | 17:30—21:30

**Il-Ġimgħa 5**
09:00—13:00 | 17:30—21:30

**Is-Sibt 6**
09:30—22:30

**Il-Ħadd**
08:30—20:00



**ktieb.org.mt**

ShowsHappening.com

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Malta Book Festival 2021

Gvern ta' Malta
Ministeru għall-Edukazzjoni